**39(4) iii RIŻULTATI TAL-KONFERENZA - ABRUZZO**

Rigward impressjoni li ħadu b'mod speċjali s-Sindki f'Abruzzo naħseb li hija pożittiva għal fatt, li rajtom komplew magħna ħafna u tawna ċertu mportanza.

Jidhru li ħadu nteress kbir fuq Malta u kollha kemm huma inkluż is-Sindku ta' Cordoba u s-Sindku ta' Baarn (Olanda) insistew miegħl li qegħdin jaħsbu kif minn din il-konferenza ser tiżdied il-ħbiberija bejn dawn il-komunitajiet billi bħala partnership jibdew isiru skambji ta' żgħażagħ u ċittadini.

L-aktar ħaġa pożittiva hija li kemm organiżatturi ta' din il-konferenza, kemm fondazzjoni M. C. Escher, u Sindku Goriano Sicoli, b'mod individwali stqarrew miegħi. Li qegħdin jaħsbu biex konferenza ta' din it-tip is-sena d-dieħla ssir Malta.

Ngħid ukoll li l-President tar-Reġġjun ta' Abruzzo fl-okkażjoni żgħira li tkellimna wera nteress kbir u li fl-ewwel opportunita' li jkollu se jiġl Malta.

Naħseb li dan l-akbar sodisfazzjon li ħadd minn din il-Konferenza.

Joseph Casha - Sindku